

32007R0444

L 16/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

24.4.2007

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 444/2007****tat-23 ta' April 2007****li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 41/2007 fir-rigward tal-limiti tal-qbid għall-istokk ta' l-aringi fiż-żoni ICES I u II**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 41/2007 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jiffissa għas-sena 2007 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet [*ħażniet*] ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għal bastimenti Komunitarji, filmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Anness IB tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 41/2007 jiddetermina għall-2007 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċertu stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għall-bastimenti Komunitarji, filmijiet fejn hemm rekwiżiti ta' limiti ta' qbid.
- (2) B'riżultat ta' konsultazzjoni bejn il-Komunità, il-Gżejjer Faroe, l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Federazzjoni Russa fit-18 ta' Jannar 2007, intlaħaq qbil dwar l-opportunitajiet ta' sajd għall-istokk Atlanto-Skandiku ta' l-aringi (dawk

Norveġiżi li jirriproduċu fir-Rebbiegħa) fil-Grigal ta' l-Atlantiku. Il-limitu tal-qbid kumplessiv għall-2007 huwa ffixat fil-livell ta' 1 280 000 tonnellata, f'konformità sħiħa mal-parir xjentifiku tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES). Dak il-ftehim għandu jiġi implimentat fil-liġi Komunitarja.

- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 41/2007 għandu għaldaqstant jiġi emendat kif jixraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness IB mar-Regolament (KE) Nru 41/2007 huwa emendat skond l-Anness ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' April 2007.

Għall-Kummissjoni  
Joe BORG  
Membru tal-Kummissjoni

(<sup>1</sup>) ĠU L 15, 20.1.2007, p. 1.

## ANNEX

Fl-Anness IB tar-Regolament (KE) Nru 41/2007, il-punt dwar l-ispeċi Aringi fl-ilmijiet tal-KE u internazzjonali taż-żoni ICES I u II jinbidel b'dan li ġej:

"Speċi: Aringi <i>Clupea harengus</i>	Żona: KE u ilmijiet Internazzjonali ta' I u II HER/1/2.
Il-Belġju	30
Id-Danimarka	28 550
Il-Ġermanja	5 000
Spanja	94
Franza	1 232
L-Irlanda	7 391
L-Olanda	10 217
Il-Polonja	1 445
Il-Portugall	94
Il-Finlandja	442
L-Iżvezja	10 580
Ir-Renju Unit	18 253
KE	83 328
In-Norveġja	74 995 <sup>(1)</sup>
TAC	1 280 000

TAC Analitiku  
L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.  
L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.  
L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.

<sup>(1)</sup> Qabdiet meħuda minn din il-kwota għandhom jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja (kwota ta' aċċess). Din il-kwota tista' tiġi mistada biss fiż-żona KE fit-Tramuntana ta' 62 °N.

**Kundizzjonijiet speċjali:**

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jstgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt miż-żoni speċifikati:

	Ilmijiet Norveġiżi fit-Tramuntana ta' 62 °N u ż-żona ta' sajd madwar Jan Mayen (HER/*2AJMN)
Il-Belġju	30 <sup>(2)</sup>
Id-Danimarka	28 550 <sup>(2)</sup>
Il-Ġermanja	5 000 <sup>(2)</sup>
Spanja	94 <sup>(2)</sup>
Franza	1 232 <sup>(2)</sup>
L-Irlanda	7 391 <sup>(2)</sup>
L-Olanda	10 217 <sup>(2)</sup>
Il-Polonja	1 445 <sup>(2)</sup>
Il-Portugall	94 <sup>(2)</sup>
Il-Finlandja	442 <sup>(2)</sup>
L-Iżvezja	10 580 <sup>(2)</sup>
Ir-Renju Unit	18 253 <sup>(2)</sup>

<sup>(2)</sup> Meta t-total tal-qabdiet ta' l-Istati Membri kollha jkun laħaq 74 995 tunnellata, m'għandu jkun permess l'ebda qbid ulterjuri."